KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI

TRSTENJAK

ippreżentati fl-4 ta' Settembru 2008 [1]

1. B'dan l-appell, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading BV (iktar 'il quddiem "Heuschen & Schrouff") qed titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Kominitajiet Ewropea tat-30 ta' Novembru 2006, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods vs Il-Kummissjoni [2] (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-17 ta' Ġunju 2004, REM 19/2002 li fiha l-Kummissjoni kienet iddeċidiet li r-remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni mitluba minn Heuschen & Schrouff ma kinitx iġġustifikata.

2. Dan l-appell huwa marbut ma' talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hoge Raad der Nederlanden (l-Olanda) magħmula fil-kuntest ta' kawża bejn is-Staatssecretaris van Financiën (Segretarju tal-Istat tal-Finanzi) u Heuschen & Schrouff rigward l-irkupru *a posteriori* tad-dazji fuq l-importazzjoni [3] li r-remissjoni tagħhom huwa s-suġġett ta' dan l-appell.

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Dispożizzjonijiet fuq il-klassifikazzjoni tariffarja*

3. In-Nomenklatura Magħquda (iktar il-quddiem in-"NM") stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana [4], hija bbażata fuq is-Sistema Armonizzata għad-Deskrizzjoni u l-Kodifikazzjoni ta' Merkanzija (iktar 'il quddiem is-"SA"), imħejjija mill-Kunsill tal-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwani, u hija stabbilita mill-Konvenzjoni Internazzjonali konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983, li ġiet approvata f'isem il-Komunità permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KE, tas-7 ta' April 1987 [5]. In-NM adottat l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt ċifri tas-SA, filwaqt li s-seba' u t-tmien

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.
2 — T-382/04.
3 — Ara f'dan ir-rigward il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading (C-375/07).
4 — ĠU C 256, p. 1.
5 — ĠU L 198, p. 1.

ċifri biss jiffurmaw suddiviżjonijiet li huma partikolari għaliha [6].

4. L-Artikolu 9(1) tar-Regolament Nru 2658/87 jawtorizza lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, megħjuna minn kumitat magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri, biex tfassal miżuri għall-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-NM abbażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2658/87.

5. It-Tieni Parti, Taqsima IV, Kapitolu 19 tal-Anness I tar-Regolament Nru 2658/87 ikopri l-intestaturi tan-NM għal "Preparazzjonijiet taċ-ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti ta' koki ta' l-għaġina [tal-furnara]".

6. L-intestatura 1901 tan-NM tkopri l-"Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet ta' l-ikel tad-dqiq, groats (xgħir u barli mitħun oħxon), pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, ma fihomx kawkaw jew fihom inqas minn […] tal-piż kawkaw […]; preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' oġġetti ta' titli [minn prodotti ta' l-intestaturi] 0401 sa 0404 ([7])[…]", fosthom is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM taħt il-klassifikazzjoni "oħrajn".

7. L-intestatura 1905 tan-NM tirrigwarda "Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra tal-furnar, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili: […]" u tinkludi, fis-subintestatura 1905 90 tan-NM "oħrajn", is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM "Ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalita' li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta ostja u prodotti simili".

8. F'xi verżjonijiet lingwistiċi tal-intestatura 1905 tan-NM jissemmew prodotti "nexfin", kultant "għaġina f'folji nexfin magħmula mid-dqiq" [8], iżda mhux fil-verżjoni Olandiża [9]. F'xi verżjonijiet, bħal, pereżempju, dik Ingliża u dik Slovena, hemm il-kliem espliċitu "karta tar-ross" [10].

9. Skont il-punt 1 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1196/97 tas-

6 — Ara l-premessi tar-Regolament Nru 2658/87 (partikolarment it-tielet premessa), l-Artikoli 1 u 3 ta' dan ir-regolament kif ukoll is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2007, Medion u Canon (kawżi magħquda C-208/06 u C-209/06, Ġabra p. I-7963, punt 3).

7 — L-intestaturi minn 0401 sa 0404 tan-NM ikopru prodotti bħal ħalib, krema tal-ħalib, xorrox u derivati.

8 — Dan jgħodd, fost l-oħrajn, għall-verżjoni Ġermaniża ("getrocknete Teigblätter aus Mehl oder Stärke"), dik Franċiża ("pâtes séchées de farine, d'amidon ou de fécule en feuilles"), dik Spanjola ("pastas secas de harina, almidón o fécula, en hojas") u dik Portugiża ("pastas secas de farinha, amido ou fécula").

9 — Il-verżjoni Olandiża ("dergelijke producten van meel of van zetmeel"), dik Daniża ("lignende varer af mel eller stivelse") u dik Żvediża ("liknande produkter") li, fl-aħħar tal-enumerazzjoni, jirreferu b'mod xi ftit jew wisq iddettaljat għal "prodotti oħrajn", huma kkunsidrati bħala verżjonijiet anqas kompluti minn oħrajn, li, bejn l-indikazzjoni ta' "karti tas-siġill" u l-"prodotti oħrajn" fihom ukoll il-kunċetti indikati fin-nota ta' qiegħ il-paġna suċċessiva.

10 — Ara "rice paper" fil-verżjoni Ingliża u "rižev papir" f'dik Slovena.

27 ta' Ġunju 1996 li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda [11] (dan ir-regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 2658/87 msemmi iktar 'il fuq) il-prodotti bil-klassifikazzjoni li ġejja għandhom jiġu kklassifikati fis-subintestatura 1905 90 20 tan-NM:

"Preparazzjoni ta' l-ikel, f'forma ta' folji nexfin li jgħaddi d-dawl minnhom, ta' qisien differenti, magħmulin minn dqiq tar-ross, melħ u ilma.

Dawn il-folji, wara li jixxarbu fl-ilma biex isiru flessibbli, huma ġeneralment użati biex jagħmlu r-wrappers għall-ispring-rolls jew prodotti simili [12]."

10. Il-punt 1 tal-Anness tar-Regolament Nru 1196/97 fih f'dan ir-rigward il-motivazzjoni li ġejja:

"Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 1905, 1905 90 u 1905 90 20".

B — *Remissjoni tad-dazji fuq l-importazzoni għal raġunijiet ta' ekwità*

11. L-Artikolu 239 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [13] (iktar 'il-quddiem il-"Kodiċi Doganali") jirregola r-remissjoni eventwali tad-dazji fuq l-importazzoni u tad-dazji fuq l-esportazzjoni f'sitwazzjonijiet partikolari. It-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali jistabbilixxi:

"Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni jistgħu […] jintbagħtu f'sitwazzjonijiet […] li jirriżultaw minn ċirkostanzi li fihom ebda ingann jew traskuraġni ovvja [manifesta] ma jistgħu jiġu attribwiti lill-persuna interessata […]".

11 — ĠU L 170, p. 13.

12 — Fil-verżjoni Olandiża: "Voedselbereiding in de vorm van droge, doorschijnende vellen, met verschillende afmetingen, vervaardigd van rijstmeel, zout en water. De vellen worden, na weken in water om ze plooibaarte maken, meestal gebruikt om daarvan de „wikkels" voorloempia's en dergelijke te vervaardigen.

13 — ĠU L 302, p. 1.

II — Il-fatti

12. Heuschen & Schrouff, importatur ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ilha timporta għall-ħafna snin karta tar-ross [14] mill-Vjetnam.

13. Fl-1996 u fis-snin ta' wara, l-aġent doganali li kien jaħdem f'isem Heuschen & Schrouff iddikjara taħt is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM, għall-finijiet taċ-ċirkulazzjoni libera tagħha, karta tar-ross importata. B'ittra ddatata 21 ta' Marzu 1996, l-awtoritajiet doganali Olandiżi għarrfu lil Heuschen & Schrouff li l-karta tar-ross effettivament kellha tiġi kklassifikata taħt is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM.

14. Fis-27 ta' Ġunju 1997, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1196/97 [15], li ġie ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fit-28 ta' Ġunju 1997 u li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Lulju 1997.

15. Wara l-adozzjoni ta' dan ir-regolament, Heuschen & Schrouff baqgħet timporta karta tar-ross mill-Vjetnam taħt is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM, ħaġa li kienet ġiet aċċettata mill-awtoritajiet doganali Olandiżi fir-rigward ta' 29 dikjarazzjoni matul perijodu ta' 6 xhur (wara li sar il-kontroll tad-dokumenti u — f'każ wieħed — il-kontroll tal-kontenut). Fis-16 ta' Marzu 1998 l-awtoritajiet doganali Olandiżi qalu li d-dikjarazzjoni għandha ssir b'referenza għas-subintestatura 1905 90 20 tan-NM. Iżda wara, fl-istess jum, l-istess awtoritajiet doganali kkonfermaw il-korrettezza ta' dikjarazzjoni li kienet użat is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM. Mis-17 ta' Marzu 1998, Heuschen & Schrouff użat, għall-importazzjoni ta' karta tar-ross, is-subintestatura 1905 90 20 tan-NM.

16. B'ittra tat-22 ta' Novembru 2000, Heuschen & Schrouff intalbet tħallas kumplessivament dazji doganali li ammontaw għal 645 399,50 NLG (EUR 292 869,52) għall-importazzjonijiet kollha tal-karta tar-ross magħmulin bejn it-13 ta' Novembru 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998. B'referenza għar-Regolament Nru 1196/97, l-awtoritajiet doganali ddikjaraw li, għall-finijiet ta' klassifikazzjoni, is-subintestatura 1901 90 99 tan-NM, indikata fid-dikjarazzjonijiet doganali, ma kinitx eżatta u li għalhekk kienet meħtieġa korrezzjoni fl-avviżi tal-ħlas tat-taxxa kkonċernati.

17. Wara li Heuschen & Schrouff ikkontestathom, l-intimazzjonijiet għall-ħlas ġew ikkonfermati b'deċiżjoni tal-Ispettur tad-

14 — Magħrufa wkoll bħala "folji tar-ross" jew bl-isem Ingliż "rice-paper".

15 — Ara iktar 'il fuq il-punti 9 u 10 ta' dawn il-konklużjonijiet.

9 ta' Marzu 2001; ħlief għal intimazzjoni għall-ħlas tal-ammont ta' 13 650,30 NLG (EUR 6 194,24), relattiva għal dikjarazzjoni doganali tas-16 ta' Marzu 1998, li kienet ġiet annullata. Wara rettifika, is-somma li kellha titħallas ġiet iffissata fl-ammont ta' 636 518,40 NLG (EUR 282 645,21) għall-perijodu mill-25 ta' Novembru 1997 sat-2 ta' Frar 1998.

18. Fit-13 ta' Settembru 2002 Heuschen & Schrouff ippreżentat lill-awtoritajiet doganali talba għar-remissjoni tad-dejn doganali skont l-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali. Din it-talba kienet ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fid-19 ta' Settembru 2002.

19. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba b'deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2004 REM 19/2002 billi sostniet li, għalkemm kien hemm sitwazzjoni partikolari skont it-tifsira tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, Heuschen & Schrouff aġixxiet b'mod manifestament traskurat. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tafferma li, wara l-pubblikazzjoni, fit-28 ta' Ġunju 1997, tar-Regolament Nru 1196/97, is-sitwazzjoni tariffarja ma baqgħetx aktar kumplessa jew mhux ċara. Heuschen & Schrouff, f'dak il-mument, kellha tal-anqas titlob informazzjoni biex issir taf x'inhi s-sitwazzjoni.

20. Fit-23 ta' Settembru 2004, Heuschen & Schrouff ikkontestat, b'dan ir-rikors tal-appell, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

III — Il-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

21. Biex issostni r-rikors tagħha, Heuschen & Schrouff ressqet tliet motivi:

— ksur tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u nuqqas ta' motivazzjoni;

— ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u trattament ugwali, u

— ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

22. Fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet ir-rikors u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż.

23. Fis-siltiet tas-sentenza appellata li huma rilevanti hawnhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza tafferma li, għalkemm inħolqot sitwazzjoni partikolari, minħabba żball tal-awtoritajiet doganali Olandiżi, fis-sens tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, Heuschen & Schrouff

aġixxiet b'mod manifestament traskurat. Il-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97 temmet is-sitwazzjoni li kienet teżisti qabel, fejn ġiet ammessa l-kumplessità tal-verżjoni fil-lingwa Olandiża. Madankollu, minn dan il-mument 'il quddiem, huma evidenti l-kontradizzjonijiet eventwali bejn id-dikjarazzjonijiet preċedenti u r-Regolament Nru 1196/97. Fi kwalunkwe każ, hija jmissha talbet kjarifiki mill-awtoritajiet doganali dwar dawn il-kontradizzjonijiet. L-iżbalji tal-aġent doganali huma responsabbiltà ta' Heuschen & Schrouff. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Prim'Istanza, id-deċiżjoni REM 19/2002 tal-Kummissjoni kienet ġustifikata u ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali.

IV — Talbiet fil-proċedimenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. Heuschen & Schrouff titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha:

— tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Novembru 2006 fil-kawża T-382/04;

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-17 ta' Ġunju 2004 (REM 19/2002) fejn il-Kummissjoni stabbiliet li fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ ir-remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni ma kinitx iġġustifikata, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

25. Il-Kummissjoni qed titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala infondat, u

— tikkundanna lil Heuschen & Schrouff għall-ispejjeż.

26. Fit-22 ta' Mejju 2008, meta ntemmet il-proċedura bil-miktub, saret il-proċedura orali li fiha ħadu sehem Heuschen & Schrouff, il-Kummissjoni, il-Gvern Olandiż, il-Gvern Grieg Elleniku u l-Gvern Taljan. Matul is-seduta ma ħarġux elementi ġodda.

V — Fuq ir-rikors tal-appell

A — *Argumenti tal-partijiet*

27. Heuschen & Schrouff fil-proċedura tal-appell tallega, f'aggravju wieħed, il-ksur tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali min-naħa tal-Qorti tal-Prim'Istanza [16]. Hija ssostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma mmotivatx biżżejjed il-konklużjoniiet tagħha. Fi kwalunkwe każ, il-motivi tas-sentenza appellata ma jistgħux isostnu l-konklużjonijiet li hija siltet.

28. L-appellanti ssostni li sa llum il-klassifikazzjoni korretta tal-karta tar-ross mhux imsajra għada mhijiex ċerta. Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet bi żball li kellha tiġi kklassifikata fl-intestatura 1905 90 20 tan-NM. Heuschen & Schrouff issostni li din il-klassifikazzjoni hija żbaljata u tindika li l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni korretta hija diġà s-suġġett ta' proċedimenti li huma pendenti quddiem il-Hoge Raad tal-Olanda [17].

29. L-eżami abbażi tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, jiġifieri billi jiġu applikati l-kriterji tat-tip ta' żball (u l-kumplessità tad-dispożizzjoni), l-esperjenza professjonali tal-appellanti u l-grad ta' diliġenza osservat għandu jwassal, ikkunsidrat kumplessivament, għal remissjoni tad-dazji.

30. Dwar il-kriterju tal-kumplessità tad-dispożizzjoni, jeħtieġ jiġi osservat, fil-fehma tagħha, li għandhom jiġu indikati żbalji kemm min-naħa tal-Kummissjoni kif ukoll min-naħa tal-awtoritajiet doganali Olandiżi. Il-Kummissjoni, bir-Regolament Nru 1196/97, ħarġet regoli li evidentement ma kinux korretti u fi kwalunkwe każ kienu ambigwi, ħaġa li tmur kontra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [18]. Jista' jagħti l-każ li l-karta tar-ross imsajra taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, imma dik mhux imsajra importata minn Heuschen & Schrouff ma taqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, it-test tal-intestatura 1905 tan-NM ma fih, fil-verżjoni fil-lingwa Olandiża, l-ebda referenza għall-karta tar-ross. Dan joħloq konfużjoni. Anki l-awtoritajiet doganali kkommettew żball, billi aċċettaw u kkonfermaw, fis-sitt xhur ta' wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97, 29 dikjarazzjoni oħra li kklassifikaw il-merkanzija fl-intestatura 1901 tan-NM. B'hekk, din hija kwistjoni kumplessa ta' regoli ta' klassifikazzjoni li, kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, ma ntemmitx bil-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97. Billi tirreferi għas-sentenza Biegi Nahrungsmittel [19] hija tqis li għandhu jittieħed inkunsiderazzjoni l-perijodu li matulu l-awtoritajiet

16 — Fil-bidu tal-att tal-appell Heuschen & Schrouff issemmi fl-istess ħin il-ksur tal-Artikoli 899 sa 909 tar-Regolament tal-Kummissjoni, (KEE) Nru 2454/93, tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 253, p. 1). Madankollu, billi fissiltiet suċċessivi tal-att ta' appell, ma hemmx referenza konkreta għal dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-proċedimenti amministrattivi għad-deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal- Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, nikkunsidra li dan hu aggravju wieħed li fis-sustanza jirrigwarda l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali.

17 — Ara f'dan ir-rigward iktar 'il fuq, il-punt 2 ta' dawn il-konklużjonijiet.

18 — Heuschen & Schrouff tirreferi f'dan ir-rigward għas-sentenza tal-11 ta' Awwissu 1995, Uelzena Milchwerke (C-12/94, Ġabra p. I-2397).

19 — Sentenza (C-499/03 P, Ġabra p. I-1751, punt 48).

baqgħu jikkommettu l-iżball tagħhom. Kuntrarjament għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Prim'Istanza, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li l-awtoritajiet Olandiżi, għal sitt xhur wara, mhux talli ma esprimewx dubji imma talli approvaw il-klassifikazzjoni li kienet saret.

31. Dwar il-kriterju tal-esperjenza professjonali, għandu jiġi osservat li l-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet ħażin li Heuschen & Schrouff kellha esperjenza professjonali wiesgħa fis-settur tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni. Għalhekk ġiet ikklassifikata b'mod żbaljat bħala operatur ta' esperjenza u, b'hekk, bħala espert fil-kwistjoni tal-formalitajiet tal-importazzjoni u esportazzjoni. Madankollu, hija ma tiħux ħsieb direttament id-dikjarazzjonijiet imma tuża s-servizzi speċjalizzati ta' terzi li, skont l-Artikolu 5 tal-Kodiċi Doganali, jaġixxu f'isimha. L-attività ta' dawn l-individwi ma tistax tiġi imputata lilha fil-kuntest tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali. Barra minn hekk fil-każ inkwistjoni, fid-dawl tal-kumplessità partikolari tal-leġiżlazzjoni, il-klassifikazzjoni allegatament żbaljata ma setgħet tiġi evitata lanqas b'esperjenza professjonali notevoli.

32. Dwar il-kriterju tad-dmir ta' diliġenza, il-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, qed timponi eżiġenzi għoljin wisq, anki jekk Heuschen & Schrouff kienet operatur ekonomiku ta' esperjenza. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza qed tassimilaha żbaljatament mar-rappreżentant dirett appuntat minnha. Mhux komprebsibbli għaliex Heuschen & Schrouff kellha tiddubita mill-klassifikazzjoni fin-NM applikata sa dakinhar. Kellha raġunijiet biżżejjed biex tqis l-intestatura 1901 tan-NM korretta, kif intqal diġà fir-rigward tal-kriterju tal-kumplessità tal-leġiżlazzjoni, partikolarment billi r-Regolament Nru 1196/97 assolutament ma jinkludix il-karta tar-ross mhux imsajra li hija timporta. Ir-raġuni għalfejn hija ma applikatx ir-regolament mhijiex marbuta mal-fatt li ma qratx dak ir-regolament, imma mal-fatt li dak ir-regolament ma japplikax għall-prodott importat minnha u li l-awtoritajiet Olandiżi kkonfermaw dan il-fatt. Jeħtieġ jiġi osservat ukoll li n-NM, fis-snin bejn l-1996 sal-1998 ma ġietx emendata biex tikkonforma mat-test tar-Regolament Nru 1196/97. Għal dawn ir-raġunijiet ma jistax isir paragun mas-sitwazzjoni li tat lok għas-sentenza Covita [20], li tirreferi għaliha l-Qorti tal-Prim'Istanza. Iżda l-awtoritajiet doganali Olandiżi għandhom jinżammu responsabbli għall-ksur tad-dmir ta' diliġenza billi, f'perijodu ta' żmien ta' sitt xhur, huma aċċettaw 29 dikjarazzjoni li issa qed jitqiesu żbaljati. Minn dakinhar sal-mument meta ġiet eżaminata t-talba għal remissjoni tad-dazji doganali għaddew sentejn u tmien xhur. Jeħtieġ li dawn iċ-ċirkustanzi jiġu kkunsidrati meta tiġi evalwata traskuraġni eventwali ta' Heuschen & Schrouff ta' natura limitata u mbiegħda fi żmien li, meta mqabbla mat-traskuraġni kbira tal-awtoritajiet doganali Olandiżi, hija minima. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-hekk imsejjaħ dokument ta' ħidma tal-awtoritajiet doganali Olandiżi ta' Settembru 2002, li ġie prodott anness mar-rikors u li ġie qabel il-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tat-talba għal remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni

20 — Sentenza tas-26 ta' Novembru 1998 (C-370/96, Ġabra p. I-7711).

min-naħa ta' Heuschen & Schrouff. B'referenza għas-sentenza Sommer [21], l-awtoritajiet doganali Olandiżi, f'dan id-dokument, ikkunsidraw li Heuschen & Schrouff, f'dan il-każ partikolari, setgħet leġittimament tikkunsidra li l-aġir tal-awtoritajiet doganali kien korrett.

33. Il-Kummissjoni tenfasizza l-ewwel nett li fir-rikors tal-appell ġie ripetut ħafna dak li ntqal diġà quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. B'din l-osservazzjoni, madankollu, ma tridx tqajjem l-inammissibbiltà ta' dan ir-rikors.

34. Imbagħad il-Kummissjoni tirrispondi li l-argumenti ta' Heuschen & Schrouff mhumiex tali li jpoġġu fid-dubju s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Huwa veru li hemm sitwazzjoni partikolari fis-sens tal-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali billi l-awtoritajiet doganali Olandiżi b'mod żbaljat ma kkontestawx, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97, id-dikjarazzjonijiet ineżatti ta' Heuschen & Schrouff. Barra minn hekk ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' ingann. Madankollu, ma ġietx sodisfatta l-kundizzjoni ulterjuri stabbilita mill-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali, jiġifieri l-eskużjoni tat-traskuraġni manifesta tal-persuna kkonċernata. Meta jsir l-eżami meħtieġ tat-tliet kriterji elaborati mill-ġurisprudenza (il-kumplessità tar-regoli li n-nuqqas ta' ħarsien tagħhom wassal għad-dejn doganali, kif ukoll l-esperjenza professjonali u d-diliġenza tal-operatur), huwa biss l-aġir tal-operatur ekonomiku li huwa rilevanti. Kuntrarjament għal dak li ġie argumentat minn Heuschen & Schrouff, l-eżami tal-aġir tal-awtoritajiet doganali nazzjonali ma fih l-ebda rilevanza f'dan l-istadju tal-eżami.

B — *Il-kunsiderazzjonijiet ġuridiċi*

35. L-ewwel nett għandu jiġi osservat li, fil-fehma tiegħi, ir-repetizzjoni tal-argumenti li l-Kummissjoni semmiet ma toħloqx problema. Huwa veru li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' motivazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 225 KE, l-Artikolu 58(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikolu 112(1)(c) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja rikors tal-appell li jkun limitat biss għal repetizzjoni jew riproduzzjoni fedeli tal-motivi u l-argumenti diġà ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, inklużi l-argumenti ta' fatt li din tal-aħħar ċaħdet espressament [22]. Madankollu, billi l-appellanti, bħal fil-każ inkwistjoni, tikkontesta l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, il-punti ta' liġi eżaminati fl-ewwel istanza jistgħu jiġu diskussi mill-ġdid matul l-appell [23].

21 — Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, (C-15/99, Ġabra p. I-8989).

22 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2003, Interporc vs Il-Kummissjoni (C-41/00 P, Ġabra p. I-2125, punt 16).

23 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenzi tat-13 ta' Lulju 2000, Salzgitter vs Il-Kummissjoni (C-210/98 P, Ġabra p. I-5843, punt 43) kif ukoll Interporc vs Il-Kummissjoni (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, punt 17).

36. F'dan il-kuntest għandu jiġi nnutat li l-aċċertamenti u l-evalwazzjonijiet tal-fatti magħmulin mill-Qorti tal-Prim'Istanza ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' dawn il-proċedimenti. L-eżami tagħhom huwa possibbli biss biex tiġi vverifikata l-klassifikazzjoni legali tal-fatti u l-konsegwenzi legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza siltet minnhom biex tiġi miċħuda l-eżistenza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali [24].

37. Għaldaqstant jeħtieġ li tiġi ttrattata l-kwistjoni mqajma minn Heuschen & Schrouff dwar il-klassifikazzjoni tariffarja korretta [25] tal-karta tar-ross. Heuschen & Schrouff tidher li tikkunsidra li, jekk il-klassifikazzjoni fis-subintestatura 1905 90 20 tan-NM, li hija tikkontesta, tirriżulta li mhijiex eżatta, ma tqumx aktar il-kwistjoni tar-remissjoni tad-dazji doganali. F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat, minn naħa, kif osservat il-Kummissjoni wkoll, li din il-kwistjoni mhijiex is-suġġett ta' dawn il-proċedimenti, imma tal-proċedimenti paralleli li jinsabu pendenti quddiem il-qorti nazzjonali [26]. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat li, mil-lat sistematiku, ikun aktar loġiku li l-kwistjoni tar-remissjoni tad-dazji doganali kkontestati hawnhekk tiġi deċiża biss wara li tkun ġiet riżolta b'mod definittiv il-kwistjoni tad-dħul fil-kontijiet [27]. Madankollu, il-ġurisprudenza sa issa ma tirrikjedix sekwenza sistematika tad-deċiżjonijiet bħal din [28].

38. Dwar il-kwistjoni tar-remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni (f'dan il-każ imdaħħlin fil-kontijiet sussegwentement) għal raġunijiet ta' ekwità, it-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali jistabbilixxi li jista' jkun hemm remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni f'sitwazzjonijiet partikolari [29] li ma jimplikawx ingann jew traskuraġni manifesta min-naħa tal-parti kkonċernata. Biex jiġi eżaminat jekk hemmx "traskuraġni [manifesta]" skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali għandha tiġi kkunsidrata b'mod partikolari l-kumplessità tad-dispożizzjonijiet li n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tagħhom

24 — Ladarba l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun aċċertat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja, bis-saħħa tal-Artikolu 225 KE, hija kompetenti tagħmel stħarriġ fuq il-klassifikazzjoni legali ta' dawn il-fatti kif ukoll fuq il-konsegwenzi legali li l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun siltet minnhom (sentenza Biegi Nahrungsmittel u Commonfood vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 41). Ara, f'dan is-sens, Lenaerts, K./Arts, D./Maselis, I., *Procedural Law of the European Union*, it-Tieni edizzjoni, Londra 2006, p. 457, punt 16-007. Kif iddikjarat diversi drabi l-Qorti tal-Ġustizzja, din l-operazzjoni ta' klassifikazzjoni tikkostitwixxi kwistjoni tad-dritt li, bħala tali, tista' tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara s-sentenzi Biegi Nahrungsmittel u Commonfood vs Il-Kummissjoni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 41); tad-19 ta' Ottubru 1995, (Rendo *et* vs Il-Kummissjoni, C-19/93 P, Ġabra p. I-3319, punt 26) kif ukoll tad-29 ta' April 2004, Il-Parlament vs Ripa di Meana *et*, (C-470/00 P, Ġabra p. I-4167, punt 41).

25 — Ara iktar 'il fuq, il-punt 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

26 — Għal soluzzjoni fid-dettall għall-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-karta tar-ross ara l-osservazzjonijiet tiegħi fil-kawża C-375/07 (ara, f'dan ir-rigward iktar 'il fuq, il-punt 2 ta' dawn il-konklużjonijiet), li minnhom jirriżulta li din għandha tiġi kklassifikata fis-subintestatura 1905 90 20 tan-NM.

27 — Mil-lat sistematiku hija possibbli biss remissjoni jew il-ħlas lura ta' ammont ta' dazji li jkun inġabar diġà. Għalhekk sakemm il-proċedimenti li jirrigwardaw id-dħul sussegwenti fil-kontijiet ma jiġux konklużi b'mod definittiv, ma tkunx ċerta l-eżistenza jew le ta' ammont tad-dazji li jkun iddaħħal fil-kontijiet sussegwentement skont l-Artikolu 220 tal-Kodiċi Doganali u suġġett għar-remissjoni jew ħlas lura.

28 — Il-prattika fil-livell nazzjonali, madankollu, tidher li tagħmel eżami tat-talbiet f'sekwenza tali li, għal motivi ta' ekonomija proċedurali, il-kwistjoni tar-remissjoni tiġi deċiża biss wara li jiġi stabbilit id-dħul fil-kontijiet (Alexander, "Vorbemerkungen zu Art. 220, 221", fi: Witte, *Zollkodex, Kommentar*, ir-Raba edizzjoni, 2006, punt 2). Għall-futur, il-"Kodiċi Doganali Modernizzat", Regolament (KE) Nru 450/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2008, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 145, p. 1) jistabbilixxi emenda pożittiva fis-sens taż-żamma ta' ordni ta' suċċessjoni sistematika tad-deċiżjonijiet billi l-Artikolu 84(2) jipprovdi li fejn ikun ġie ppreżentat appell kontra n-notifika tad-dejn doganali, il-perijodu rilevanti biex issir talba għal ħlas lura jew għal remissjoni għandu jkun sospiż mid-data li fiha jiġi ppreżentat l-appell, sakemm idumu l-proċedimenti ta' appell.

29 — Din il-klawżola ġenerali ta' ekwità tippermetti li jiġu evalwati ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ individwali, ara f'dan ir-rigward Berr/Trémeau, "*Le droit* douanier, Communautaire *et national*", is-Seba' edizzjoni, 2006, p. 241 kif ukoll Huchatz, "Art. 239 — Erstattung oder Erlass in Sonderfällen", f'Witte, *op. cit.*, punti 1 u 28.

ħoloq id-dejn doganali kif ukoll l-esperjenza professjonali u d-diliġenza tal-operatur [30]. Anki l-Qorti tal-Prim'Istanza, fis-sentenza appellata, irriferiet, ġustament, għal dawn il-kriterji [31].

39. B'mod korrett ukoll il-Qorti tal-Prim'Istanza aċċertat li, f'din il-kwistjoni, hija importanti esklużivament il-kwistjoni tat-traskuraġni manifesta, u b'hekk tal-evalwazzjoni tat-tliet kriterji msemmijin. Fil-fatt il-partijiet kollha involuti jaqblu fuq il-fatt li hemm sitwazzjoni partikolari skont l-Artikolu 239 tal-Kodiċi Doganali — li kellha riperkussjonijiet anki fuq id-deċiżjoni tal-Kummissjoni — billi l-awtoritajiet doganali Olandiżi b'mod żbaljat ma kkontestawx, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97, id-dikjarazzjonijiet ineżatti ta' Heuschen & Schrouff. Il-partijiet jaqblu wkoll fuq in-nuqqas ta' ingann.

40. Dwar il-kwistjoni tal-kumplessità talleġiżlazzjoni, l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza hija, fil-fehma tiegħi, korretta. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Prim'Istanza, li ammettiet li s-sitwazzjoni li tikkaratterizza l-perijodu ta' qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1196/97 kienet kumplessa, iddeċidiet b'mod korrett, filwaqt li rreferiet għas-sentenza Hewlett Packard France [32], li s-sitwazzjoni, wara l-adozzjoni ta' dan ir-regolament, għandha tiġi kkunsidrata ċċarata. Kuntrarjament għall-argumenti ta' Heuschen & Schrouff nikkunsidra li r-referenza, fis-sentenza Biegi Nahrungsmittel [33], għall-"perijodu ta' żmien li matulu l-awtoritajiet ikunu ppersistew fl-iżball", ma tikkostitwixxix ċirkustanza li tista' twassal għal evalwazzjoni differenti. Is-sitwazzjoni li kienet tikkaratterizza s-sentenza Biegi Nahrungsmittel, fejn dan il-perijodu ta' żmien seta' jirriżulta li kien importanti [34], mhijex paragunabbli ma' dik f'dan il-każ. Fil-fatt, b'differenza minn dak il-każ, dak li qed jiġi eżaminat hawnhekk huwa kkaratterizzat mill-fatt li l-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97 ħolqot sitwazzjoni ċara. Il-fatt li mhux biss Heuschen & Schrouff, imma anki l-awtoritajiet doganali ma infurmawx ruħhom permezz tal-Ġurnal Uffiċjali, f'dawk iċ-ċirkustanzi, ma jista' jkollu ebda rilevanza billi l-fatt li l-awtoritajiet doganali ma nfurmawx ruħhom ma jeżonerax lill-parti kkonċernata mid-dover li timpenja ruħha f'dan ir-rigward. Fil-fatt, meta tiġi kkunsidrata t-traskuraġni tal-parti kkonċernata huwa rilevanti, b'mod ġenerali u bħala regola, il-kuntest suġġettiv, u għandha ssir referenza għall-parti kkonċernata stess. Fil-fehma tiegħi huwa possibbli li jiġi kkunsidrat l-aġir tal-awtoritjiet doganali f'każijiet eċċezzjonali biss.

30 — Sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, Söhl & Söhlke (C-48/98, Ġabra p. I-7877, punti 56 u 60). Ara wkoll Lyons, EC Customs Law, Second Edition, 2008, p. 489. Ara l-konklużjonijiet tiegħi tal-4 ta' Settembru 2008 fil-kawża C-375/07, Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading dwar l-identità bejn dawn il-kriterji u kriterji determinati stabbiliti mill-Artikolu 220(2) tal-Kodiċi Doganali kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata f'dan ir-rigward.

31 — Punt 44 tas-sentenza appellata.

32 — Sentenza tal-1 ta' April 1993(C-250/91, Ġabra p. I-1819, punt 28).

33 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 19, punt 48.

34 — Ara f'dan ir-rigward il-punt 55 fis-sentenza Biegi Nahrungsmittel. Fid-dawl ta' dik is-sentenza, Harings, "Nacherhebung von Einfuhrabgaben, Nichterkennbarkeit eines Irrtums der Zollbehörden", *Zeitschrift für Zölle und Verbrauchsteuern* 2005, p 230 *et seq*, p. 321, isostni li qabel, l-awtoritajiet doganali ta' spiss kienu jikkunsidraw li żball ma jistax jiġi rikonoxxut biss jekk ikun ibbażat fuq prattika amministrattiva ta' ħafna snin. Is-sentenza Biegi Nahrungsmittel qalbet din il-prassi. Harings jenfasizza wkoll li prassi amministrattiva żbaljata tista' tkun biss indikazzjoni biex żball ma jiġix rikonoxxut.

41. Anki fir-rigward tal-kriterju tal-esperjenza professjonali ma nsibx problemi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tad-dritt Komunitarju li għamlet il-Qorti tal-Prim'Istanza. B'mod korrett hija użat [35] prinċipji żviluppati fis-sentenza Söhl & Söhlke [36]. Affermat ukoll b'mod koerenti li l-parti kkonċernata għandha esperjenza hija stess u hija responsabbli wkoll għall-aġir tal-aġent doganali [37]. Dwar l-aspett tal-esperjenza tal-parti kkonċernata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet evalwazzjoni tal-fatti li tista' tiġi kkontestata fl-appell biss fil-preżenza ta' kundizzjonijiet stretti li ma jinsabux f'dan il-każ partikolari [38]. Dwar l-aspett tar-responsabbiltà għall-aġir tal-aġent doganali għandu jiġi osservat li, skont il-ġurisprudenza, jista' jkun hemm limitu għal din ir-responsabbiltà biss jekk l-individwu inkarigat jaġixxi b'ingann u dan jolqot ukoll lid-debitur taddejn doganali [39]. Dwar l-argument li, f'dan il-każ, minħabba l-kumplessità partikolari talleġiżlazzjoni, il-klassifikazzjoni allegatament żbaljata ma setgħetx tiġi evitata lanqas fil-każ ta' esperjenza professjonali kunsiderevoli, għandu jingħad li dan jista' jgħodd biss għassitwazzjoni qabel l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1196/97 li diġà ġie kkunsidrat f'punt ieħor [40].

42. Fl-aħħar, dwar il-kriterju tad-diliġenza tal-operatur ekonomiku, għandu jiġi osservat li anki f'dan ir-rigward is-sentenza appellata ma tistax tiġi kkritikata. Il-Qorti tal-Prim'Istanza rreferiet b'mod korrett għas-sentenzi Deutsche Fernsprecher [41], Covita [42] u Binder [43] u indikat li, f'każijiet bħal dan inkwistjoni, l-għarfien mill-operaturi tal-pubblikazzjonijiet tal-Ġurnal Uffiċjali għandu jkun preżunt u huwa possibbli li ssir eċċezzjoni biss finnuqqas tal-verżjoni lingwistika korrispondenti [44]. Kuntrarjament għall-argumenti ta' Heuschen & Schrouff ma jistax jingħad assolutament li l-eżiġenzi huma għoljin wisq. Sa mill-pubblikazzjoni tar-Regolament Nru 1196/97 debitur fis-sitwazzjoni ta' Heuschen & Schrouff, kieku ġab ruħu b'mod diliġenti [45], kien isir jaf b'dak ir-regolament u kien jieħu ħsieb jiċċara b'mod xieraq id-dubji inevitabbli relatati u li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni magħmula sa dak il-mument. Imbagħad, il-Qorti tal-Prim'Istanza ttrattat l-argument ta' Heuschen & Schrouff li f'dan l-istadju kellu jiġi kkunsidrat l-aġir tal-awtoritajiet doganali Olandiżi u, fil-konkret, in-nuqqas tad-diliġenza tagħhom. Il-Qorti tal-Prim'Istanza bir-raġun ċaħdet dak l-argument. Għandu jiġi ripetut li, kif osservat diġà l-Kummissjoni, f'dak l-istadju ta' verifika, l-aġir tal-awtoritajiet doganali m'għandu l-ebda importanza. Heuschen & Schrouff tippretendi fis-sustanza li l-iżball tal-awtoritjiet doganali Olandiżi, aċċettat f'dan il-każ u rikonoxxut kemm mill-Kummissjoni fiddeċiżjoni tagħha kif ukoll mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenza appellata, jiġi kkunsidrat doppjament: minn naħa fir-rigward tas-

35 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 30 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36 — Ara l-punt 59 tas-sentenza appellata.

37 — Ara l-punti 65 u 66 tas-sentenza appellata u l-analiżi magħmula wara sal-punt 70.

38 — Fil-prinċipju, skont l-Artikolu 225(1) KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell magħmul quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għandu jkun limitat għal punti ta' liġi. Għalhekk, bħala regola mhux permess eżami mill-ġdid tal-fatti. Huwa biss fil-kuntest strettament limitat, b'mod partikolari f'każ ta' falsifikazzjoni ta' provi li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' teżamina kwistjonijiet ta' fatt.

39 — Favur dan hemm is-sentenza tas-7 ta' Settembru 1999, De Haan (C-61/98, Ġabra p. I-5003, punt 53).

40 — Ara, iktar 'il fuq, il-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

41 — Sentenza tas-26 ta' Ġunju 1990 (C-64/89, Ġabra p. I-2535).

42 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20.

43 — Sentenza tat-12 ta' Lulju 1989 (161/88, Ġabra p. 2415).

44 — Ara l-punti 75 *et seq* tas-sentenza appellata.

45 — Harings, *op. cit.* (nota ta' qiegħ il-paġna 34 ta' dawn il-konklużjonijiet), p. 231, jiddeduċi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-parametru ta' referenza f'dan ir-rigward huwa magħmul mill-"importatur infurmat". Dan ifisser operatur ekonomiku li jieħu ħsieb jaqra b'attenzjoni l-Ġurnal Uffiċjali. Iżda mhuwiex xieraq bħala parametru ta' referenza dak li jkollu għarfien fil-fond tad-dritt doganali, jew li jkun jaf id-dispożizzjonijiet kollha tal-liġi fis-seħħ f'dak is-settur tad-dritt kif ukoll l-effett kumulattiv tagħhom. F'sens kuntrarju, ara Berr "Droit douanier", *La semaine juridique — édition entreprise* 1990, II 15876, p. 589 *et seq*, b'mod partikolari p. 592.

"sitwazzjoni partikolari" u mill-oħra fir-rigward tat-"t-traskuraġni tad-debitur". Madankollu dwar dan tal-aħħar hemm involut biss l-aġir tagħha filwaqt li l-aġir tal-awtoritajiet doganali diġà ġie ikkunsidrat mill-lat tas-"sitwazzjoni partikolari".

43. Fid-dawl ta' dak li ntqal, nikkunsidra li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fuq il-bażi ta' motivazzjoni suffiċjenti, aċċertat u kkunsidrat korrettament li Heuschen & Schrouff aġixxiet b'mod traskurat fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 239(1) tal-Kodiċi Doganali.

44. Għaldaqstant, ir-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat.

VI — Fuq l-ispejjeż

45. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li Heuschen & Schrouff tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

VII — Konklużjoni

46. Għal dawn il-motivi, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad ir-rikors tal-appell, u

— tikkundanna lil Heuschen & Schrouff Oriëntal Foods Trading BV għall-ispejjeż.